**Fi ġnien Patri Martin**

Hawn, mistrieħ mill-għagħa tal-folla,
Bilqiegħda fi ġnien Dumnikan,
Inħossni ġej f'tiegħi sewwa
Inħossni tassew Franġiskan.

Faċċata għandi dil-Knisja
Tal-Imqaddsa Verġni tal-Għar,
Hi Knisja tassew sabiħa
Fiha nħossni mmur għall-aħjar.

U dil-pjazza ħelwa ħelwa
Inħossha tgħannaqni bil-kif,
Fiha nħoss l'Ommi Marija
Li tweżinni fl-eqqel tiġrib.

U diż-żiffa wisq sabiħa
Qed titfagħni fl-isbaħ nagħsa,
Min jarani kemm qed jidħak
Dal-patri donnu lanġasa.

F'dil-paċi bil-wisq prezzjuża
Qed niftakar f'Patri Martin,
Li bil-qalb kbira li kellu
Għamel lil ħafna ferħanin.

Qed inħossu hawn maġenbi
Jagħtini dik it-tbissima,
Li qed tmelles lil din qalbi
U timlieha b'ħafna qima.

Lejn Alla, ħanin Missierna
Li Patri Martin lilu ħabb,
Ha nitgeddes f'dal-ġnien ħelu
Sakemm fl-aħħar inkun irqadt.

Patri Mario Attard OFM
6 ta' Mejju 2025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.